**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 1 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 520/2016 AF**

**Kai Christian Erich Bordel**

**vs**

**Anika De Vilera**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Kai Christian Erich Bordel, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ir-rikorrent sellef lill-intimata s-somma kumplessiva ta' €80,067.56 u dan billi originarjament sellifha s-somma ta' €72,017.56 u mbaghad sussegwentement sellifha l-ammont ta' €2385, l-ammont ta' €2000, l-ammont ta' €2615 u l-ammont ta' €1050 b'dan li t-terminu ghall-hlas ta' tali self skada.

L-intimata rrikonoxxiet id-dejn ta' €72,017.56 b'dan li l-istess intimata ddikjarat li hija debitrici tal-istess ammont quddiem Nutar gewwa l-Germanja kif jirrizulta minn Dok. A.

L-ammont l-ohra u cioè ta’ €2385, l-ammont ta’ €2000, l-ammont ta’ €2615 u l-ammont ta’ €1050 gew mislufa lill-intimata permezz ta’ skritturi privati (loan agreements) iffirmati mill-partijiet kif jirrizulta minn Dok. B sa Dok. E hawn annessi.

L-intimata giet debitament interpellata sabiex thallas l-ammont dovut izda baqghet inadempjenti.

B’hekk ir-rikorrent huwa kreditur tal-intimata fl-ammont kumplessiv ta’ €80,067.56.

L-ammont imsemmi huwa wiehed cert, likwidu u dovut.

L-istess rikorrent jissottometti li l-intimata, m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba attrici.

Ghalhekk l-intimata m’ghandha ebda difiza xi tressaq dwar l-istess kreditu.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-kawza odjerna qeghda tigi tradotta ghall-lingwa Ingliza stante li l-istess intimata ma tifhimx bil-lingwa Maltija.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Taghti sentenza u tilqa’ t-talba attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Hekk tikkundanna minnufih lill-intimata sabiex thallas l-ammont ta’ tmenin elf, sebgha u sittin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€80,067.56) lir-rikorrent u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggi.

Bl-ispejjez inkluzi dawn tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi (Dok. F) u bl-interessi legali mid-dati tad-dokumenti annessi jew minn data ohra verjuri li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni u

bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li fis-seduta tal-4 ta' Orrubru 2016, l-intimata giet awtorizzata tressaq l-eccezzjonijiet, din xorta wahda baqghet kontumaci. Lanqas ma ressqet sottomissjonijiet finali minkejja li giet awtorizzata fit-8 ta' Novembru 2016.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi, tqis li r-rikorrenti rnexxielu jipprova, permezz tal-gurament tieghu u d-dokumenti esibiti, illi t-talba tieghu hija fondata u jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba u filwaqt li tiddikjara li l-intimata hija debitrici tar-rikorrent fl-ammont ta' €80,067.56 (tmenin elf u seba u sittin Ewro u sitta u hamsin centezmu), tikkundanna lil Anika de Vilera thallas lil Kai Christian Erich Bordel is-somma ta' tmenin elf u sebgha u sittin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€80,067.56), bl-ispejjez kollha kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Anika De Vilera.

IMHALLEF

DEP/REG